**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**
**Vs**

**Abdiaziz Anis Abdulahi**

**Kump 723/2015**

Illum 23 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdiaziz Anis Abdulahi, imwieled Somalia, fl-1 ta' Jannar 1996 u residenti Hanger Open Centre Hal Far, Birzebbugia u detentur ta' karta tal-identita' numru 9000655(A) u bin-numru tal-Pulizija 13c-081

Akkuzat fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 t' Awwissu 2015 f'Container 38ª, Hanger Open Centre, Halfar, Birzebbugia:

1. Volontarjament ta n-nar lil bini jew gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, jew, kull min volontarjament jaghti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' hsara li tammonta ghal aktar minn €250 izda ma tiskorrix 1-€2500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

3. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku. instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;

4. ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra.

5. Volontarjamnet kiser il-bon ordni u I-kwiet pubbliku;

6. U aktar talli kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Mgt Dr C Stafrace Zammit LL.D datata 26/07/2015;

7. U aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li giet definittiva u ma tistax tinbidel.

Fl-ahhar nett, il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom xjaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 316, 317(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
8. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat fiz-zmien tal-incident kien jirrisjedi fil-Hanger open centre, Halfar, Birzebbugia. Martin Abdilla, ufficjal tad-Detenzjoni fl-open centre inkwistjoni xehed[1] li ghall-habta tal-kwarta ta' filghodu tad-data inkwistjoni mar l-imputat fl-ufficcju taghhom u qalilhom li kellu argument ma' persuna ohra li ma kienx ighix fic-Centru. Meta nizlu biex jivverifikaw ma rawx lill-persuna l-ohra, izda wara ftit wasal, indunaw li ma kienx residenti fic-centru u keccewh. Qalu lill-imputat biex imur jorqod minhabba li kien xurban u ghall-ewwel obda u mar jorqod. Ghall-habta tas-siegha ta' filghodu marru l-ufficcjali tal-AWAS jinfurmawhom li l-imputat kien qieghed jiddisturbahom. Qalu lill-imputat biex imur jorqod, irrezista li jmur jorqod u tefghuh 'il barra mic-centru. Ghall-habta tas-1.40a.m l-ufficjali tal-AWAS qalulhom li kien hemm duhhan tiela' bejn il-containers. Ix-xhud ighid li qabdu l-fire extinguishers, nizlu u tefghu n-nar. Kien hemm sodda barra l-container taqbad u n-nar u d-duhhan kien tiela' mal-container. Fuq il-post sabu lill-imputat li kien tkecca minnhom ftit qabel. Raw lilu biss fejn il-container u skortawh lejn l-ufficcju taghhom. Fil-container kien hemm in-nies reqdin u dawn inhargu barra mix-xhud. Lill-imputat ma rawh jaghmel xejn. Raqh wieqaf fejn il-containers. Meta eskortawh obda u mar mill-ewwel fl-ufficcju u cemplu lill-pulizija. Ma stabilixxewx is-sodda li nharqet ta' min kienet, u jzid ukoll li r-residenti gieli johorgu s-sodod barra minhabba s-shana. L-ufficjal tad-detenzjoni Kenneth Borg jikkonferma u jikkorobora x-xhieda li ta Martin Abdilla u specifika li s-sodda li spiccat mahruqa kienet bejn il-containers 37 u 38. Meta tellghu lill-imputat fl-ufficcju taghhom ma kulmuhx billi kien fis-sakra.

Joseph Vella, support worker fl-agenzija AWAS, jixhed[2] li fit-28 u d-29 ta' Awwissu 2015 kien xoghol fic-centru. Jixhed li ghall-habta tal-kwarta ta' filghodu l-imputat mar ighidilhom li kellu argument ma' xi hadd u huma keccew lil dan il-persuna ghaliex ma kienx residenti fic-Centru. L-imputat deher xurban. Aktar tard, xis-siegha ta' filghodu, l-imputat rega' mar l-ufficcju, beda jargumenta maghhom, kien ghadu fis-sakra u qalilhom li ried il-pulizija. Huma sejhu lis-security u billi l-imputat ma kienx f'sikktu keccewh ghaliex il-procedura hija li bniedem xurban ma jidholx fic-centru. Xis-1.45am kienu barra l-ufficcju u raw id-duhhan, ghajtu lis-security u hadu l-fire extinguishers u marru u sabu sodda bis-saqqu jaqbad barra magenb il-gabbana li fiha kienu jghixu r-residenti. Huwa

[1] Seduta tal-15 ta' Settembru 2015
[2] Seduta tal-15 ta' Settembru 2015

dahal fil-gabbana, qajjem lin-nies li kienu reqdin u qalilhom biex johorgu. Sabu lill-imputat wahdu jhares lejn is-sodda li kienet qed taqbad. L-imputat kien qieghed joqghod fil-gabbana numru 38 ta' fuq. Mistoqsi kif ladarba l-imputat tkecca mic-centru kif sab l-access, ix-xhud qal li c-centru mhux sikur minn kullimkien u seta' dahal minn bnadi ohra apparti l-gate fejn hemm is-security. In kontro-ezami xehed li huwa impjegat mal-agenzija tal-Gvern. Jasmine Pace, support worker mal-AWAS xehdet fl-istess binarji tal-kollega taghha hlief li xehdey li l-imputat kien ighix fil-container 39 up izda gieli jorqod fit-38. Lin-nies li kienu reqdin fil-container li ntmess min-nar ma staqsewhomx rawx xi haga u xehdet li fix-hin staqsew lill-imputta ma cahadx li huwa qabbad in-nar izda lanqas qalilhom li kien huwa. Ramona Grace Grech, ukoll support worker mal-AWAS, tghid li l-imputat meta beda jitkellem kellu riha qawwija ta' xorb.

PC 441 Matthew Darmanin[3] kien l-ewwel pulizija li mar fuq il-post. Huwa sab lill-imputat bilqeghda fuq it-tarag tal-ufficcju tal-AWAS u ddikjara li m'ghamilx tfittxija fuq l-imputat.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fejn qal li bejn il-lejl tat-28 u d-29 ta' Awwissu 2015 kien fis-sakra. Huwa kien ighix fil-kamra 39 up u bidlulu l-kamra ghal numru 42 down u dawk li kienu jghixu fil-kamra 42 ma jitkelmux bis-Somalu. Meta dahal fic-centru tkecca billi kien fis-sakra. Mar fl-ufficcju tal-amministrazzjoni u qalulu biex imur lura fit-39 up u mar u raqad. Sema' hsejjes u ra n-nar barra mill-kamra. Huwa pprova jitfi n-nar u meta rawh jipprova jitfi n-nar, cemplu lill-pulizija u l-pulizija qabduh. Huwa jichad li qabbad is-saqqu. Meta imbaghad xehed *viva voce*[4] l-imputat kien pjuttost konsistenti fil-versjoni tieghu li ta a tempo vergine hlief li kien hemm nies ohra vicin in-nar.

Minn dawn ix-xhieda u provi appena riportati, din il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet – li huma l-aktar reati serji addebitati lill-imputat – ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Meta l-Qorti gharblet il-provi jirrizultalha li l-imputat dahal fic-Centru fejn kien jirrisjedi fis-sakra u kellu argument ma' terza persuna liema terza persuna billi ma kinitx residenti fic-centru tkecca mill-ufficjali tad-detenzjoni. Dawn l-istess ufficjali qalu lill-imputat biex imur jorqod u huwa hekk ghamel. Wara madwar tlett

[3] Seduta tat-28 ta' Ottubru 2015
[4] Seduta tat-28 ta' Lulju 2016

kwarti l-uffiċjali tal-AWAS sejħu lill-uffiċjali tad-detenzjoni u qalulhom li l-imputat kien mar fl-uffiċċju tagħhom jiddisturbahom u kien jidher li kien fis-sakra. Qalulu biex imur jorqod u huwa rrifjuta u għalhekk keċċewh miċ-Ċentru. Għall-ħabta taż-1.40am l-uffiċjali tal-AWAS indunaw li kien hemm duħħan ħiereġ min-naħa tal-gabbani fejn kienu jorqdu r-residenti u sejħu lill-uffiċjali tad-detenzjoni. Ħadu fire extinguishers magħhom u mal-wasla tagħhom fuq il-post sabu sodda li kienet qegħda barra bejn żewġ containers li kienet qegħda taqbad tant li anki container minnhom kien diga' ntmess mill-istess nar. Kwindi s-sodda kienet diga' vampa meta waslu l-uffiċjali. L-imputat kien qiegħed ħdejn is-sodda taqbad. Fuq dawn il-provi biss ma tistax tinstab ħtija u dan magħdud ukoll mal-fatt li rrizulta li ċ-Ċentru mhux sikur u huwa faċli li persuna tidħol mill-madwar u mhux biss mill-gate. Infatti bħalma daħal l-imputat seta' wkoll daħal ħaddieħor. L-uffiċjali ma nizlux mill-ewwel u għalhekk kien hemm trapass ta' ħin u għalhekk dak li qal l-imputat u ċioe' li kien rieqed u qam seta' sehh. Inoltre' n-nies li kienu reqdin fil-container la ġew mitkellma mill-uffiċjali tal-pulizija, la mill-uffiċjali taċ-Ċentru u lanqas ġew prodotti bħala xhieda. Ma ġiex lanqas stabilit meta saret it-tfittxija fuq l-imputat iżda r-riżultat kien wieħed negattiv fis-sens li ma nstablu xejn suspettuż relatat man-nar. Inoltre' lanqas ma ġie stabilit x'kienet il-kawża li s-saqqu u s-sodda inħarqu u kwindi lanqas ġie ppruvat li l-ħruq kien wieħed doluż. Il-fatt li l-imputat instab ħdejn is-sodda taqbad jiccassa mhux biżżejjed biex tinstab ħtija u hekk kif qal l-abbli difensur tal-imputat ikun ferm inverosimili li persuna li volutament tagħti n-nar lil xi ħaġa tibqa' ticcassa lejn l-istess u ma taħrabx 'l hemm meta nafu li kien hemm kull opportunita' li wieħed jaħrab.

Inkwantu għat-tielet imputazzjoni din tirriżulta ppruvata partikolarment meta Ramona Grace Grech tixhed li l-imputat kellu riħa qawwija ta' xorb, il-komportament tiegħu wkoll kien jirrispekkja dan l-istat u l-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu jammetti dan.

Ir-raba' imputazzjoni tirriżulta wkoll ippruvata in vista li rriżulta li l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet biex imur jorqod u minflok mar jiddisturbaha lill-uffiċjali f'xogħolhom tant li kellu jitkeċċa.

Inkwantu għall-ħames imputazzjoni dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika l-Qorti sejra tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti

tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet I**l-Pulizija versus Maria Concetta Green**[5]:

'*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm eghmil volontarjul i minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*
*L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali*.'

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u tal-provi prodotti l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

Is-sitt imputazzjoni giet ippruvata billi giet prezentata vera kopja tal-original tas-sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat fis-26 ta' Lulju 2015 fejn il-konnotati jaqblu ma' dak tal-imputat odjern. In vista li l-imputat qieghed jinstab hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u l-ksur tal-ligi sar fil-perjodu operattiv tas-sentenza msemmija l-Qorti se titratta mal-imputat. F'dawk il-proceduri l-imputat kien ammetta ghal serq semplici u ghal ricettazzjoni. In vista li dawn l-imputazzjonijiet generalment jinghataw bhala alternattivi ghal xulxin il-Qorti se titratta mal-imputat ghas-serq semplici u se tikkundannah ghal hames xhur prigunerija effettiva.

L-addebitu tar-recediva mhux ippruvat billi s-sentenza appena citata kienet liberazzjoni kundizzjonata u kwindi billi mhix kundanna ma tistax isservi ghal dan l-addebitu.

---

[5] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

Inkwantu ghal piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, il-hames imputazzjonijiet u l-addebitu tar-recidiva u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 338(ff) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u inkwantu ghat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet tikkundanna lill-imputat ihallas l-ammont ta' €58 ammenda ghal kull imputazzjoni u inkwantu ghas-sitt imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-istess imputazzjoni , u cioe li kiser il-liberazzjoni kundizjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-26 ta' Lulju 2015, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjoni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat